MALTA

# QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 175/2011

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

Illi l-kontendenti izzewgu nhar it-tletin (30) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u erba' u disghin (1994) kif jidher mill-estratt tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok "A", minn liema zwieg twieldu zewgt itfal u cioe' binthom L u sittax (16)-il-sena u binhom Dejean ta' sitt (6) snin;

Illi l-intimat irrenda ruhu hati ta' adulterju, sevizzi, theddid, offizi gravi, mohqrija u inkompatibbilita ta' karattru

b'rizultat li rrenda impossibbli l-hajja konjugali ta' bejniethom;

Illi permezz tad-digriet pendenti lite bin-numru 984/10 moghti minn din il-Qorti fit-28 ta' Gunju 2010, li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok "B", din il-Qorti ordnat illi il-kura u l-kustodja tal-minuri imsemmija tigi akkordata b'mod esklussiv lir-rikorrenti;

Illi fl-ahjar interess tal-minuri, l-esponent thoss illi dan id-digriet ghandu jigi kkonfermat b'dan illi l-kura u l-kustodja ta' ulied il-kontendenti tigi definitivament fdata lilha;

Illi l-intimat mhux qed imantni lir-rikorrenti u lil uliedhom kif inhu obbligat jaghmel skont il-ligi;

Illi r-rikorrenti tixtieq li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti tigi xjolta u likwidata bl-applikazzjoni kontra l-intimat bl-applikazzjoni kontra il-konvenut tad-disposizzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili;

Illi r-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma zewgha u ai termini tal-istess awtorizzazzjoni, hija qeghda tressaq dawn il-proceduri;

Talbet in vista tal-premess illi il-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-intimat;
2. Tikkonferma id-digriet moghti fit-28 ta' Gunju 2010 bin-numru 984/10 u ghalhekk tafda l-kura u l-kustodja ta' ulied il-kontendenti, L u Dejean, b'mod esklussiv f'idejn ir-rikorrenti u dan fl-ahjar interess tal-minuri;
3. Tikkundanna lill-intimat ihallas dik ir-retta alimentarja ghaliha u ghal uliedhom minuri li tigi stabbilita minn din il-Qorti u b'dawk il-modalitajiet li jigu hekk stabbiliti;

4. Tordna u tapplika kontra l-intimat l-effetti kollha tal-Artikolu 48 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni, u tordna li l-oggetti mobbli u immobbli hekk appartenenti komunament lill-kontendenti jigi maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din il-Qorti in vista, *inter alia,* tad-dati tal-akkwist ta' diversi oggetti formanti parti mill-istess komunjoni u tad-data li ghandha tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data illi fiha l-istess intimat ghandu jigi kkonsidrat hati tal-firda u liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-istess intimat, *occorrendo* bil-hatra ta' perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba, bil-hatra ta' nutar sabiex jircievi l-att relattivi u bil-hatra ta' kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fl-istess att;
6. Tillikwida l-pretenzjonijiet parafernali tar-rikorrenti kontra l-komunjoni tal-akkwisti u/jew kontra l-gid parafernali tal-konvenut u tordna lill-intimat ihallas is-somom hekk likwidati anke billi ghall-fini ta' din it-talba l-krediti tal-attrici hekk eventwalment likwidati jigu inkorporati fl-iskema ta' divizjoni tal-gid komuni tal-kontendenti;
7. Tordna wkoll illi r-rikorrenti tiehu kunjom xbubitha biex b'hekk isir l-annotament mehtieg fir-Registru Pubbliku biex minn "B" konjomha jerga' jsir "Abela";

Bl-ispejjez, inkluz l-ispejjes tal-medjazzjoni, kontra l-istess intimat minn issa ingunt in subizzjoni ;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici ;

Rat illi l-konvenut huwa kontumaci f'din il-kawza ;

Semghet lix-xhieda illi tressqu ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment ;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha kawza ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet b’talba specifika ghall-kura u l-kustodja tal-minuri flimkien ma’ talba ghall-manteniment kemm ghall-istess attrici kif ukoll ghall-minuri flimkien ma’ talbiet ancillari ghal dawk ta’ kawza ta’ separazzjoni.

**VERZJONI RIKORRENTI**

Ir-rikorrenti tghid li fil-bidu taz-zwieg taghhom, marru jghixu man-nanna taghha sakemm imbaghad, xtraw dik li hija d-dar matrimonjali gewwa Tarxien u marru jghixu fiha. L-ewwel hames snin taz-zwieg kienu normali izda l-inkwiet fegg meta terzi qalulha li kienu raw lill-konvenut ma’ xi mara ohra. Ghalkemm m’emmnitx dak li semghet, xorta wahda baqghet tahseb u ghalhekk darba fost l-ohrajn cemplet fuq ix-xoghol tieghu. Inhasdet meta l-imghallem tieghu staqsiha jekk kienitx ‘Karen’ u biex tiskopri min hi din ‘Karen’ irrispondietu fil-posittiv. Kien f’dan il-punt li skopriet li zewgha kellu mara ohra f’hajtu. L-intimat ma cahadx anzi qallha li “***issa jghaddu gimgha jew hmistax ohra u nghidlek li daqshekk maghha***”[1]. Din ir-relazzjoni mhux talli ma spiccatx wara gimgha jew gimghatejn talli damet ghaddejja x-xhur u sahansitra dahhalha d-dar. Il-partijiet bdew jorqdu fi kmamar separati. L-intimat min-naha tieghu kien jipprova jgieghel lill-martu temmen li kien kwazi t-tort taghha li kellu relazzjoni ma’ mara ohra. Tant ma kellux misthija li r-rikorrenti tirrakkonta li ippropona li taghmel atti intimi mieghu fil-prezenza tal-mara l-ohra u li t-tifla taghhom ta’ erba’ (4) snin rat lilu u lil din il-mara jaghmlu xi atti fuq is-sodda fid-dar matrimonjali (ghalkemm tali informazzjoni harget snin wara meta bint il-partijiet telghet tixhed fi proceduri ohra).

Apparti l-kwistjoni tal-adulterju, r-rikorrenti ssemmi wkoll aspetti ta’ vjolenza li kkommetta l-istess intimat, apparti l-fatt li kien beda jabbuza mid-droga. Kien hemm episodji

[1] Ara l-affidavit tar-rikorrenti esebit a fol 51 tal-process

ohra ta’ vjolenza fejn ir-rikorrenti ddecidiet li tahfer bit-tama li ssalva z-zwieg pero’ dan ma kienx possibbli ghaliex sussegwentement il-konvenut anke beda jilghab u b’konsegwenza ta’ dan, laghab tlett elef ewro (€3000) li kienu mfaddlin ghat-tfal u minn hemm, l-attrici bdiet tfendi ghal rasha u ghaz-zewgt ulied.

Ir-rikorrenti tghid ukoll li mis-sena 2009, u cioe’ minn mindu telaq mid-dar matrimonjali, l-intimat qatt ma hallas manteniment. Abbanduna kollox u lil kulhadd u tghid li li kieku m’ghandhiex id-dar fejn tghix, ma tkunx tista’ tkampa. Sehmu mil-loan mal-HSBC ma baqghetx tithallas u ghalhekk, tali pagament mensili ilu jithallas b’mod esklussiv mill-komparenti mara mis-sena 2009. Tghid li fadal dejn ta’ madwar erbat elef seba’ mija u erbatax-il ewro u sbatax-il centezmu (€4714.17) (fiz-zmien li sar l-affidavit taghha).

Ir-rikorrenti tghid ukoll li zewgha instab hati ta’ fastidu fil-konfront taghha[2] kif ukoll instab hati ta’ pussess u traffikar ta’ droga kif jirrizulta mis-sentenza esebita in atti[3]. Barra minn hekk issemmi ghall-anqas zewg attentati ta’ suwicidju, li wiehed minnhom sar fid-dar matrimonjali.

L-attrici tiddikjara li formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti hemm biss id-dar matrimonjali u tghid li minhabba l-vizzji li kellu zewgha spicca biex telaq mix-xoghol u sa’ fejn taf hi, ma jahdimx. Jircievi beneficcji socjali fl-ammont ta’ mitejn u tlettax-il ewro (€213) fix-xahar. Ir-rikorrenti tghid li tahdem bhala *casual part-time cleaner* u ghandha introjtu ta’ €146.20 fix-xahar[4]. Tircievi l-ammont ta’ (erba’ mija u sitta u ghoxrin (€426) fix-xahar bhala beneficcji socjali[5].

---

[2] Ara s-sentenza esebita a fol 24 tal-process

[3] Ara a fol 20 tal-process

[4] Ara Dok. MAZ4 esebit a fol 67 tal-process

[5] Ara Dok. MAZ 5 esebit a fol 68 tal-process

Il-qorti tirrileva li l-intimat huwa kontumaci f'dawn il-proceduri u ghalhekk, il-qorti hija sprovvista mill-verzjoni tieghu dwar il-fatti u l-mertu tal-kaz odjern, ghalkemm hu jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, kif wara kollox kien legalment possibbli ghalih li jaghmel.

## IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI

Il-qorti tirrileva li l-partijiet fl-ismijiet premessi zzewgu nhar it-30 ta' Lulju 1994 u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg esebit in atti a fol 4 tal-process. Permezz tan-nota guramentata taghha, l-attrici tikkontendi li formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti hemm biss id-dar matrimonjali. Tikkontendi wkoll li *stante* li hija tal-opinjoni li l-intimat huwa responsabbli ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg u li minhabba l-vizzjijiet tieghu m'ghandux minn fejn ihallas manteniment, allura d-dar matrimonjali ghandha tigi assenjata lilha b'mod esklussiv u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 54(5) u 54(8) tal-Kodici Civili.

Il-qorti taghmel referenza wkoll ghal Dok. MAZ6[6] li juri li l-fond gewwa Tarxien, u cioe' d-dar matrimonjali, ghandha valur ta' madwar disghin elf jew mitt elf ewro ( €90,000 - €100,000). Jigi rilevat ukoll li r-rikorrenti tikkontendi li ghandha kreditu ta' tlett elef ewro (€3000) rapprezentanti flus mfaddla u li ntefqu unikament mill-intimat izda jigi rilevat li ma giet prezentata ebda prova dwar tali ammont u ghaldaqstant, il-qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali allegazzjoni.

## DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI

Dwar l-ewwel talba, il-qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 38 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

"***Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra***".

[6] Esebit a fol 73 tal-process

Dan necessarjament ifisser li l-adulterju, huwa raguni valida bizzejjed ghall-qorti sabiex tilqa' t-talba ghal separazzjoni personali bejn koppja u dan *stante* li kif sostniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Greengrass Hugh vs Greengrass Lucia**[7] fejn gie ritenut li:

"***L-adulterju hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali***"

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallegaha, jistax fattwalment jaghti prova. F'dan l-istadju l-qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna**[8] fejn gie dikjarat li:

"***L-adulterju minn dejjem gie meqjus bhala l-kawzali l-aktar gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta' indizzji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika***".

Il-qorti hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-intimat irrenda ruhu hati ta' adulterju u dan *stante* li kien l-istess intimat li ammetta dan fi stqarrija mal-Pulizija prezentata in atti datata s-17 ta' Novembru 2008[9]. Hu hati u responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg anke minhabba l-vizzji estremi relatati mad-droga li huwa ghandu jew kellu u dan kif konfermat mis-sentenza esebita in atti u li giet imsemmija aktar 'il fuq.

Ghalhekk, fid-dawl ta' tali provi li ma jhallu ebda dubju dwar ir-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg ta' bejn il-

[7] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

[8] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

[9] Ara Dok. MAY esebit a fol 62 tal-process

partijiet, il-qorti tirrileva li m'ghandha ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-istess intimat.

## DWAR IT-TALBA TAL-KURA U L-KUSTODJA TAL-MINURI

Il-qorti tirrileva li t-talba ta' kura u kustodja ghandha tigi determinata u deciza skond il-principju tal-ahjar interessi tal-minuri. Ir-rikorrenti tikkontendi li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja taghhom tigi fdata esklussivament f'idejha u b'hekk jigi konfermat id-digriet ta' din l-istess qorti hekk kif diversament preseduta datat it-28 ta' Gunju 2010[10]. Jigi rilevat li l-ewwel wild tal-partijiet Lle illum hija magorenni u ghalhekk il-qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba fil-konfront tal-istess wild.

Ma jistax jinghad l-istess dwar it-tieni wild li ghadu zghir. Il-qorti hija moralment konvinta li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li jkun fdat ma' ommu ad eskluzjoni tal-intimat missieru li mieghu jidher li m'hemm ebda kuntatt u li fuq kollox jghix hajja xejn ezemplari. Il-qorti taghmilha cara li minkejja l-passat tal-intimat, il-minuri xorta wahda ghandu d-dritt li jara lil missieru jekk kemm il-darba dan ikun possibbli, jkun hemm ir-rieda kemm da parti tal-intimat u kemm da parti tal-istess minuri u jekk dan ikun ta' beneficcju ghall-istess minuri li jerga' jistabbilixxi kuntatt mal-missier. Pero', tenut kont tal-fatt li l-intimat huwa kontumaci f'dawn il-proceduri u li ghalhekk m'hemm ebda talba ghal xi forma ta' access sabiex l-intimat jara lill-minuri, l-qorti hija prekluza milli tistabbilixxi xi forma ta' access favur l-intimat, specjalment in vista tal-abbandun totali tal-istess intimat versu ibnu.

## DWAR IT-TALBA GHAL MANTENIMENT GHAR-RIKORRENTI

L-attrici tiddikjara li prezentement tahdem fuq bazi *part-time*. Jirrizulta li l-intimat m'ghandu ebda impjieg, anzi

[10] Esebit a fol 8 tal-process

jghix bl-ghajnuna socjali. Il-qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti qieghda terfa' l-piz tal-familja b'mod esklussiv b'dan li qed taghmel milli tista' sabiex filwaqt li tahdem ftit sieghat, tghajjex lill-minuri u tmantnih minghajr l-ghajnuna finanzjarja tar-ragel taghha.

*Stante* li l-intimat huwa unikament responsabbli ghas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet izda m'ghandu ebda mezz finanzjarju (anke minhabba l-fatt li ghandu l-problema tad-droga) li jhallas manteniment gust ghal martu, l-qorti thoss li tali nuqqas ta' hlas ghandu jigi pacut permezz tas-sehem tieghu mid-dar matrimonjali, kif ser ikun spjegat aktar 'il quddiem.

**<u>DWAR IT-TALBA GHALL-MANTENIMENT TAL-WILD</u>**

Il-qorti tirrileva li jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimat abbanduna lill-familja tieghu u lil uliedu b'tali mod li r-responsabbilita' kollha waqghet fuq ir-rikorrenti. F'dan il-kuntest il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Portelli Jennifer pro et noe vs. Portelli John**[11]u **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[12]fejn saret referenza ghal:

Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li :-

"***Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja***"

U ghal artikolu 3B tal-Kap 16 li jistipula illi:

"***Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

[11]Deciza nhar il-25 ta' Gunju 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Gur 2668/1996)
[12] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- **Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 jinghad li:-

"***Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."***

Ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi versu l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-artikolu 2 tal-Kap 16 "***jerfghu r-responsabilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom***."

Certament li l-obbligi mnizzla miz-zwieg, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-kazijiet ta' pendente lite, pero' l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap, u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri versu l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-sub-artikoli ta' l-istess artikolu 20. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu lil xulxin skond id-dettami tal-ligi, u skond il-kalkoli hemm indikati.

Il-qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut. Fil-kaz

odjern, jidher li l-intimat abdika totalment mir-responsabbilita' versu l-ulied u proprju minhabba l-hajja xellerata u xejn ezemplari tieghu, hu ferm difficli, jekk mhux impossibbli li fil-prattika, r-rikorrenti tinghata manteniment xieraq ghall-istess wild li qed jitrabba, kif wara kollox ma inghatatx aktar (sa' mis-sena 2009) ghall-wild il-kbira. Dan ma jfissirx li legalment l-intimat jista' jahrab mir-responsabbilitajiet tieghu versu wliedu li fil-frattemp iridu jghixu u jkomplu b'hajjithom.

F'dan l-istadju l-qorti tirrileva li n-norma ghal dak li jirrigwarda manteniment hija dik ta' madwar mitejn (€200) fix-xahar oltre nofs l-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess wild. Tenut kont tal-eta' tenera li ghandu l-wild iz-zghir u tenut kont li mis-sena 2009 sa' ma l-wild il-kbira ghalqet l-eta' ta' tmintax–il sena (*stante* li ma jirrizultax li din tistudja fuq bazi *full-time*) allura li kieku wiehed kellu jikkalkula l-manteniment dovut mill-intimat ghaz-zewgt ulied ghal dawn is-snin, wiehed jasal ghal figura li tezorbita jew li tqarreb lejn il-valur tas-sehem tal-istess intimat mid-dar matrimonjali, specjalment meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni wkoll tal-fatt li l-istess rikorrenti qieghda thallas il-pagamenti mensili dwar l-istess dar b'mod esklussiv. Huwa anke f'dan il-kuntest hekk kif kombinat mic-cirkustanzi partikolari tal-kaz li kollha juru li l-intimat m'ghandux il-mezzi sabiex ihallas manteniment ekwu ghal uliedu, flimkien mal-kapricci tieghu u n-nuqqas li jaghti priorita' lil uliedu, li din il-qorti thoss li huwa ekwu u gust li s-sehem tal-istess intimat mid-dar matrimonjali jghaddi ghal fuq ir-rikorrenti bhala tpacija tal-manteniment ghaliha kif ukoll ghall-ulied.

**<u>DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 48 KONTRA L-INTIMAT</u>**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Din il-qorti, kif diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija unikament imputabbli lill-intimat u ghaldaqstant ma tara ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tapplika l-istess fil-konfront tal-intimat.

**<u>DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

Il-qorti tirrileva li fil-mori tal-kawza gie dikjarat mill-attrici li formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ma jezisti xejn. Il-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghad-dar matrimonjali tal-partijiet (formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti stante li giet akkwistata minnhom fiz-zwieg permezz ta' kuntratt pubbliku datat it-3 ta' Gunju 1996 fl-Atti tan-Nutar Dr. Carmel Gafa'[13]) u ghar-rikors tar-rikorrenti datat it-28 ta' Gunju 2011[14] u li permezz tieghu ir-rikorrenti talbet li tigi awtorizzata tghix fid-dar matrimonjali b'mod esklussiv flimkien mal-ulied, liema talba giet milqugha permezz ta' digriet datat il-5 ta' Settembru 2011[15] bil-kondizzjoni li ma jidhlux terzi persuni fid-dar li ma jkunux membri tal-familja u dan anke wara li l-

[13] Esebit in atti a fol 55 tal-process

[14] Esebit a fol 18 tal-process

[15] Esebit a fol 31 tal-process

istess intimat ikkonferma fir-risposta tieghu li kien diga' hareg mid-dar matrimonjali.

Il-qorti, wara li rat il-provi kollha migbura fil-mori tal-kawza, hija moralment konvinta (u dan anke abbazi tas-sentenzi esebiti in atti) li l-intimat mhux biss huwa hati u responsabbli ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg imma li prorpju minhabba l-problemi ta' droga, loghob u hajja xejn ezemplari, m'ghandu ebda mezz li jhallas manteniment ekwu kif wara kollox gie spjegat aktar 'il fuq. Il-qorti hija konvinta wkoll li l-istess intimat verament ilu ma jhallas manteniment ghal martu u wliedu, tant li abbandunhom kompletament u li kieku ma kienx ghall-istess rikorrenti, l-ulied kienu jispiccaw f'sitwazzjoni ferm imwiergha.

Ghalhekk, b'applikazzjoni tal-Artikolu 54(8) tal-Kodici Civili, il-qorti thoss li huwa gust u ekwu li s-sehem tal-intimat li ghandu mill-fond gewwa Tarxien proprjeta' taz-zewg partijiet issir il-proprjeta' esklussiva tar-rikorrenti biex tali sehem ikopri l-arretrati kollha ta' manteniment li kienu dovuti u kwalunkwe kontribuzzjoni dovuta lejn il-familja da parti tal-intimat u li qatt ma thallset mill-intimat.

**<u>DWAR L-ASSI PARAFERNALI</u>**

Il-qorti tirrileva li r-rikorrenti naqset milli ggib prova ta' xi assi parafernali, tant li lanqas biss issemmi xejn fin-nota guramentata taghha u konsegwentement, il-qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba abbazi ta' nuqqas ta' provi.

**<u>DECIDE</u>**

Ghalhekk, u ghal dawn il-motivi, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija unika tal-intimat;

[2] Tilqa' it-tieni talba u tafda il-kura u l-kustodja tal-minuri Dejean B esklussivament f'idejn l-attrici;

[3] Tichad it-tielet talba *stante* li hekk kif spjegat aktar ‘il fuq, sehem l-intimat mid-dar matrimonjali ser jghaddi ghal fuq ir-rikorrenti bhala hlas ta’ arretrati ta’ manteniment fuq iz-zewgt ulied u manteniment futur tal-minuri Dejean B ;

[4] Tilqa’ r-raba’ talba;

[5] Tilqa’ l-hames talba b’dan li tordna li s-sehem tal-intimat mill-fond bl-indirizz, maisonette numru 4, Joslit House, f’Sir Temi Zammit Street Tarxien, jghaddi fuq ir-rikorrenti sabiex b’hekk tali proprjeta’ issir il-proprjeta’ esklussiva tar-rikorenti. Ghal dan il-ghan din il-qorti tinnomina lin-Nutar Pubbliku Dr. Sean Critien sabiex jippubblika l-att relattiv ta’ tali trasferiment sa’ mhux aktar tard minn xahar wara li s-sentenza odjerna ssir *res judicata* u tinnomina lil Dr. Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Davina Sullivan sabiex jidhru bhala kuraturi tal-istess intimat fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-istess att;

[6] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba;

[7] Tilqa’ s-seba’ talba.

Bl-ispejjez hekk kif mitluba kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------